

It-Tlieta 12 ta' April 2016

P8\_TA(2016)0097

**Rata standard minima ta' VAT \***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2016 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu ta' obbligu li tiġi rispettata r-rata standard minima (COM(2015)0646 – C8-0009/2016 – 2015/0296(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

(2018/C 058/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2015)0646),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0009/2016),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0063/2016),
- 1. Japrova l-proposta tal-Kummissjoni kif emmdata;
- 2. Jiddispjači li l-Kummissjoni ppubblikat l-proposta tagħha daqshekk tard li jfisser li l-applikazzjoni ta' rata standard minima ta' VAT tkun retroattiva;
- 3. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- 4. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
- 5. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
- 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – punt 1**

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 97

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru **2017**, ir-rata standard ma tistax tkun inqas minn 15 %.

Mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru **2018**, ir-rata standard ma tistax tkun inqas minn 15 %.